**Laqgha Numru 19/K6/2010**

**Introduzzjoni**

Id-Dsatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2010 li saret nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru 2010.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ***(li wasal 5.48pm)*** u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien assenti.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-27 ta' Settembru 2010. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2010.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2010.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**10. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K6/2010.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 18/K6/2010 kifipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K6/2010.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2010 item 2.17, ghall-Minuti 17/K6/2010 item 2.05, ghall-Minuti 16/K6/2010 item 6.62 u ghall-korrispondenza numru **46/4277/10/I** fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir Festa Familja, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara komunikat li ghamel ma' Melita

Trains, jirrizulta li s-servizz taghhom jista' jinghata biss wara l-5.30pm u li normalment il-hlas ghas-servizz isir minn min jiehu s-servizz.

2.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-kumpanija jigu mitluba jaraw ir-rotta sabiex jipprovdu stima ta' kemm ser ikun il-hlas li ser jintalab li minn ser juza t-train jekk issir l-attivita' proposta mill-Kunsill.

2.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2010 item 2.22, ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.16 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-HSBC jigu nfurmata li l-Kunsill jixtieq li tigi nstallata ATM fil-lokal, l'issir leaflet sabiex issir laqgha dwar is-servizzi ta' l-E-banking u jintalbu jghinu f'inizjattiva ambjentali li l-Kunsill ghandu l-hsieb jaghmel ma' l-iskola Primarja ta' Pembroke billi jigu nstallati litter bins ghall-iskart irriciklat f'kull sular ta' l-iskola primarja ta' Pembroke, is-Sindku Joe Zammit qal li saret l-ittra kif kien miftiehem mal-GreenPak halli jibghatu kwotazzjoni ta' dawn biex wara issir l-ittra/talba lill-HSBC ghal sponsor tal-bins ghall-iskola Primarja izda l-Kunsill ghadu qed jistenna twegiba tal-kwotazzjonijiet.

2.06. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2010 item 2.23, ghall-Minuti 17/K6/2010 item 6.16 u ghall-korrispondenza numru **46/4817/10/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel artiklu u jintbaghat lill-gazzetti rigward l-inizjattiva li kien ha l-Kunsill meta wara l'iffirma l-Partnership/Friendship Agreement ma' Cetinje fil-Montenegro, kien strumentali biex laqqa' lid-delegazzjoni li gew mill-Montenegro mal-GRTU fost l-ohrajn u kien minn hawn li bdiet ir-relazzjoni li waslet ghal dan l-avveniment, is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba l-impenji tal-konferenza ta' l-ECAD kif ukoll tax-xoghol tieghu ma kellux cans li jaghmel din l-istqarrija u jispera l'issir fil-jiem li gejjien u titqassam lill-Kunsilliera qabel ma' tintbaghat ghall-istampa.

2.07. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2010 item 6.55 fejn is-Sindku Joe Zammit irtira it-twissija li hareg lis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-jiem li gejjien ser jinforma lill-Union b'dan.

**46/5497/10/I** 06/09/2010 E-mail minghand ITS Limited jinfurmaw lill-Kunsill li hareg l-Upgrade tas-Sage u li l-Kunsill huwa ntitolat ghalih minghajr hlas l-izda jkun hemm hlas biss ghall-installazzjoni.

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2010 item 6.94 is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-ispiza hija ta' €35.00/hr + Vat.

2.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li din ghandha tigi diskussa darb'ohra fil-prezenza tal-Kunsilliera kollha.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

2.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.12. B'riferenza ghall-Minuti 18/K6/2010 item 8.05 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona l'issir attivita' socjali filghodu f'Ottubru/Novembru, is-Sindku Joe Zammit qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien informah li l-kwotazzjonijiet necessarji u aktar dettalji ser jithabbru aktar il-quddiem.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 81/2010** b'rapport ghall-kwotazzjoni 18/2010 – Servizz ta' tabib on call **(Ara dokument A); Internal Memo 82/2010** b'rapport tal-persuni li applikaw ghall-post ta' librar **(Ara dokument B); Internal Memo 83/2010** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla dwar kwotazzjoni 15 u 16/2010 **(Ara dokument C); Internal Memo 84/2010** b'rapport tal-laqgha li saret bejn Pembroke Athleta u l-Enemalta dwar id-distribution centre **(Ara dokument D); Internal Memo 85/2010** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha 18/K6/2010 u 19/K6/2010 **(Ara dokument E); Internal Memo 86/2010** b'rapport tal-laqghat li saru bejn il-laqgha 18/K6/2010 u 19/K6/2010 **(Ara dokument F);** Kopja tad-dokument ta' Kwotazzjoni 20/2010 **(Ara dokument G);** Kopja tar-rizultat elettorali ta' l-elezzjoni tal-Kunsill **(Ara dokument H) u** Sample minghand Inserv Ltd. ghall-Letterheads A5 bil-kulur **(Ara dokument I u J).**

3.02. B'riferenza ghall-Internal memo 81/2010 dwar is-servizz ta' tabib on call, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li fid-dawl li hadd ma kien tefa' l-offerti, l-Kunsill ghandu jerga' javvicina lil Dr. Mark Bugeja sabiex jaghti s-servizz li ghandu bzonn il-Kunsill u dan fid-dawl li kien it-tabib li wera nteress qabel inhargu l-offerti pubblici.

3.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

3.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.05. B'riferenza ghall-Internal Memo 82/2010, is-Sindku Joe Zammit ippropona li minhabba l'ghad iridu jsiru l-intervisti fil-prezenza ta' rapprezentant tad-Dipartiment tal-Libreriji, il-librar prezenti ghandu jinghata estenzjoni sa l-ahhar ta' Ottubru 2010. Il-kelliem ippropona li l-intervisti ghandhom isiru nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru 2010 fil-hin ta' filghodu.

3.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

3.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.08. B'riferenza ghall-Internal Memo 83/2010, is-Sindku Joe Zammit qal li rigward l-installazzjoni tal-palm reader il-Kunsill kien iddecieda li jigi nstallat meta jippermettu l-finanzi kif ukoll li rigward is-servizz ta' l-accountant il-Kunsill kien ircieva risposta minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u ghalhekk ippropona li decizjoni ghandha tittiehed fil-laqgha li jmiss.

3.09. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

***3.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wasal fil-5.48pm.***

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-internal memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ta l-awguri tieghu ghan-nom tal-Kunsill ghas-success li l-Kunsill kellu fil-Konferenza ta' l-ECAD. Il-kelliem qal li kien hemm kliem favorevoli mill-maggoranza tal-partecipanti kemm barranin kif ukoll lokali. Is-Sindku Joe Zammit qal li grazzi tmur ghal kul min ta s-sehem tieghu kemm matul il-preparazzjoni tal-Konferenza kif ukoll waqt il-konferenza stess. l-kelliem qal li kien lesta stqarrija ghall-istampa (Riferenza 46/6007/10/O) u ppropona li l-Kunsill

japprova li din tintbaghat lill-mezzi kollha tax-xandir. Il-kelliem talab li kopja ta' l-istqarrija tkun ukoll annessa mal-Minuti u titqies bhala Internal Memo. Il-kelliem ipprezenta ukoll kotba u materjal iehor fosthom l-arma tal-Kunsill ta' Olbia l'inghatat minn Kunsillier ta' Olbia u delegati barranin. **(Ara dokument K).** Is-Sindku Joe Zammit qara l-isqarrija fil-prezenza tal-Kunsilliera u kien hemm xi tibdiol zghir.

4.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

4.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn is-16 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru 2010 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

6.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kien hemm ebda korrispondenza ghad-diskussjoni f'din il-laqgha minhabba l-impenji tal-konferenza ta' l-ECAD kif ukoll minhabba x-xoghol tieghu. Il-kelliem qal li din ser tkun diskussa fil-laqgha li jmiss u jekk tinqala' xi korrispondenza li tehtieg twegiba, kif isir is-soltu s-Segretarju Ezekuttiv jikkomunika bejn il-kunsilliera halli tinghatalu direzzjoni.

## 7. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsilliera ghall-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-LES.

## 8. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser issir diskussjoni dwar il-programm t'attivitajiet ghal zmien il-Milied.

## 9. Approvazzjoni tal-kontijiet.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument L)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li waqt il-konferenza ta' l-ECAD kellu laqgha ma' derigenti ta' Bay Street dwar l-attivitajiet li ser jaghmlu biex ifakkru l-10 sena u xtaqu l'issir Fun Run b'risq l-Istrina u talbu li l-Fun Run tkun organizzata mill-Kunsill bl-ghajnuna ukoll ta' Pembroke Athleta – Sezzjoni Atletika. Il-kelliem ippropona li ssir din il-girja b'ghan filantropiku u li l-Kunsill jikkoordina din l-attivita' flimkien ma' Pembroke Athleta – Sezzjoni Atletika u ghalhekk issir cirkolari ghar-residenti.

10.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li kellu laqgha ukoll mas-sur Envic Galea tal-Malta Judo Federation dwar il-progett propost biswit il-kabb li ghandhom off Triq Alamein. Il-kelliem qal li l-quddiem il-Malta Judo Federation ghandhom jibghatu kopja tal-pjanti lill-Kunsill.

10.05. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill ha nota tal-kummenti li saru.

10.06. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talli rrapprezentaw lill-Kunsill fil-konferenza li saret f'Turin ghall-progett ta' l-OSDDT.

10.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li r-rapprezentant tal-FTZ gie l-ghada li bdiet il-konferenza minhabba ma setax isiefer minhabba strike li kien hemm fi Spanja. Il-kelliema qalet li l-laqgha li jmiss ser issir f'Marzu/April 2011 f'Malta. Il-kelliema qalet ukoll li sfortunatament ma sabu ebda ghajnuna mill-help desk tal-kumpanija Alitalia.

10.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tinkiteb ittra lill-Ambaxxata Taljana sabiex il-Kunsill juri l-ghadab tieghu ghan-nuqqas ta' koperazzjoni mal-membri tal-Kunsilliera meta talbu l-ghajnuna tal-kumpanija Alitalia.

10.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jibghat ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Dr. Chris Said vis-a-vis il-konferenza ta' l-ECAD inkluz ghax-xoghol, sapport u l-ghajnuna li dejjem ghamel ghall-Kunsill.

10.12. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li l-Kunsill m'ghandux jidhol f'affarijiet politici.

10.14. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-AKL diga kienet harget stqarrija f'isem il-Kunsilli Lokali kollha bhala ringrazzjament ghax-xoghol li Dr. Said wettaq mal-Kunsilli Lokali u ghalhekk ma jarax ghalha ghandha tinhareg ittra ohra mill-Kunsill.

10.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet lis-Sindku sabiex ma jdawwarx kliem u qalet li dan mhux kaz politiku u huwa kaz tal-misthija li l-Kunsill ma jirringrazjax lil-Dr Said tax-xoghol li ghamel.

10.16. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat favur, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvota kontra filwaqt li s-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat astjenew.

10.17. Is-Sindku Joe Zammit ghamel uzu mill-casting vote u vvota kontra.

10.18. Il-mozzjoni m'ghaddietx.

10.19. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien issekonda sabiex tkun tista' tigi diskussa l-mozzjoni u astjena u vvota kontra minhabba li l-AKL harget stqarrija pubblika dwar ix-xoghol ta' Dr. Chris Said b'risq il-Kunsilli Lokali.

10.20. F'dan il-hin saru diversi kummenti mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat indirizzata lejn is-sedia (Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat) dwar l-ezitu tal-vot li kien ghadu kif ittiehed.

10.21. Il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li ticcaqlaq l-isem ta' Trejqet Don Giovanni Miriti u ssir aktar mal-hajt minhabba li hija perikoluza.

10.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.23. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

10.24. Il-mozzjoni ghaddiet.

10.25. Il-Kunsillier Joe Brincat ghamel riferenza ghax-xoghol li kien gie disksuss mal-WSC sabiex jiccaqilqu l-arloggi ta' l-ilma mill-verandi tar-residenti ta' San Patrizju fejn talab li jerga' jsir komunikat mal-WSC sabiex isir ix-xoghol li kien hemm pendenti.

10.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jigi avvicinat il-handyman tal-Kunsill sabiex jekk jaccetta, id-dettalji tieghu jinghataw lill-WSC sabiex isir ix-xoghol ghas-spejjez tal-WSC.

10.27. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.28. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

10.29. Il-mozzjoni ghaddiet.

10.30. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-15 ta' Ottubru gej il-President ta' Malta izur l-iskejjel fil-lokal li jaghmlu parti mill-Kullegg Santa Klara u permezz ta' ittra lill-Kunsill, il-Principal tal-Kullegg, talbet biex isir xi patching fit-toroq ta' biswit l-iskejjel. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona l'issir spezzjoni tat-toroq imsemmija u wara jigi ordnat il-patching li hemm bzonn.

10.31. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.32. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

10.33. Il-mozzjoni ghaddiet.

10.34. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-7.20pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 27 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |